# Tifkiriet tal-Imgħoddi...il-Ħajja fil-Katidral ta' Għawdex fi Tfuliti

Joseph Apap

Ftit tas-snin ilu, kont ktibt xi tifkiriet tiegħi rigward il-festa ta' Santa Marija. Illum ħassejt li għandi ngħaddi xi tifkiriet rigward dak li kien iseħħ fil-knisja tal-Katidral ta' Għawdex. Dak li niftakar mhux bilfors huwa vanġelju, imma huwa biss tagħrif li għadu *ċar fil-memorja tiegħi*. Nistqarr li m'għamiltx tfittix ta' dokumenti jew pariri oħra.

Kont għandni ma għalaqtx l-għaxar snin li bdejt niffrekwenta regolarment dan it-tempju majestuż. U dan seħħ ferm qabel ma seħħet il-ġrajja tad-donazzjoni tal-istatwa ta' Santa Marija mis-Soċjetà Filarmonika Leone. Ngħid biss li kont nitla' fiċ-Ċittadella nakkumpanja lil missieri mingħajr ma konna ċerti jekk aħniex sejrin insibu quddies filgħodu. Qassisin kienu jqaddsu fil-Katidral, imma *mingħajr l-ebda skeda ta' ħinijiet.* Kienu ġranet rari li kien ikun hemm quddiesa tal-ħin, fosthom insibu l-Kwindiċina ta' Santa Marija, novena tal-Milied u oħrajn. Dak kien l-istat tal-*ħajja* parrokjali tal-Knisja Ewlenija tar-Rabat.

Sejjer inqassam dan it-tagħrif f'diversi taqsimiet biex inservi ta' għajnuna *ħalli l-qarrej jifhem* aħjar dawn il-fatti.

## Ġranet Ordinarji tas-Sena

Il-Katidral kien jiftaħ kmieni filgħodu mad-daqq tal-paternoster mis-sagristan. Dan kien ikun fl-erbgħa ta' filgħodu. F'dawk iż-zminijiet kien hemm tnejn impjegati bħala sagristani. Dawn kienu jalternaw bejniethom *ġimgħa* wara ġimgħa. Din il-ġimgħa tibda u tintemm fis-sitta u nofs ta' filgħodu. Imma t-tnejn kienu obbligati li jattendu f'xi ħin ta' kuljum filgħodu speċjalment waqt is-servizz korali tal-Kapitlu. Is-sagristan kien jorqod fil-Katidral stess waqt il-ġranet tax-xogħol tiegħu. Kien juża l-kamra li llum tintu*ża bħ*ala studju tar-Radju Katidral. B'hekk, is-sagristan kien ukoll iservi bħala għassies tal-knisja. Niftakru li din kienet tagħlaq dritt wara nofsinnhar minkejja li xorta waħda kien ikun hemm id-daqq tal-qniepen fl-Ave Maria u f'Tal-Imwiet.

L-ewwel sagristani li niftakar kienu Nazju tal-Arġentier, *Ġużeppi Zammit (tal-Gwardjan),* Peppinu tal-Munxar, Nenu Xerri (ta' Ġużepp iż-Żift) membri tal-Familja ta' Ġużepp u Ġolina Bugeja (tan-Nusla) u *oħrajn.* Minbarra dawn is-sagristani, kien hemm ukoll saċerdot li jagħmel is-sehem tas-sagristan maġġuri. L-ewwel wieħed li niftakar kien hemm Dun Mikielanġ Grech (tal-Batut) minn Kerċem. Warajh insibu lil Dun Ġużepp Gauci (illum Monsinjur) u lil Dun Ġużepp Saliba (tal-Bejżu). Wie*ħed jista' jimmaġina lil Dun Mikielang,* qassis *ħabrieki,* jitla' minn Kerċem *għall-Katidral bil-mixi tal-anqas darbtejn kuljum, l-ewwel waħda fid-dl*am ċappa u drabi oħra f'xemx tiżreġ sajfija. Ix-xogħol tiegħu kien li jissorvelja lis-sagristani li jwetqu x-xogħol manwali, jagħmel tħejjijiet meħtieġa għall-funzjoniiet liturġiċi, kemm dawk ta' kuljum u kemm dawk festivi, iwettaq id-dmirijiet fl-amministrazzjoni tas-sagrament bħal qrar u tqarbin, daqq tal-orgni fin-nuqqas tal-organista, l-armar *u tiżjin tal-knisja g*ħall-festi kollha mifruxa matul is-sena, l-organizzazzjoni u tħejjijiet ta' funerali, magħmudijiet, *żwiġ*ijiet, eċċ. U fl-aħħar u mhux l-inqas, irid iżomm il-kontijiet bid-dettalji kollha tagħhom.

Ta' min isemmi li Dun Mikielang u Dun Ġużepp Saliba kienu magħrufa u mfitxija sew qrar speċjalment fi ġranet speċjali tas-sena fosthom l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, festi speċjali matul is-sena. Dawn iż-żewġ saċerdoti baqgħu jwetqu dan il-ministeru sa ftit ġranet mit-tluq tagħhom mid-dinja.

*Ħaġ*a li kienet tistona ferm f'dawk iż-żminijiet kienu s-sagramenti tal-qrar u tqarbin. It-twettiq tagħhom kien jibqa' għaddej anki waqt l-istess quddies. Għalhekk wieħed jista' jimmagina li, filwaqt liċ-ċelebrant ikun għaddej privatament bil-quddiesa, minn na*ħa l-oħ*ra is-saċerdoti oħrajn jamministraw il-qrar mill-konfessjonarji. L-istess jista' jingħad għat-tqarbin. Dan kien isir f'kull ħin tal-quddiesa, dejjem x*ħin ifettilu s-saċ*erdot inkarigat mit-tqarbin. Fil-Katidral, it-tqarbin kien isir biss fil-Kapella tas-Sagrament. Kienet tindaqq qanpiena żgħira (din għadha mwa*ħla fl-istess post sal-lum), u l-fidili j*ħallu l-quddiesa u jmorru jitqarbnu, l-irġiel f'riġlejn l-artal filwaqt li n-nisa fuq il-ġenikjaturi fid-daħla tal-kappella.

Drawwa oħra kienet li waqt il-quddiesa jing*ħad ir-rużarju. U ħalliha titħawwad il-borma. Tli*et affarijiet f'daqqa: quddiesa, rużarju, qrar u tqarbin. Kien hemm tassew il-ħtieġa tal-Konċilju f'din il-materja.

Nixtieq insemmi wkoll li kien ftit żmien biss qabel it-tibdil tal-Liturġija permezz tal-Konċilju li Mons. Carmelo Scicluna, li f'dawk iż-żminijiet kien Vigarju Kurat, kien ħa l-inizjattiva li fil-quddiesa tiegħu (hawnhekk inżommu f'moħħna li kull saċerdot seta' jiċċelebra quddiesa waħda biss kuljum għajr fil-Milied u fil-festa tal-Għid tal-Imwiet – it-2 ta' Novembru) kull nhar ta' Ħadd introduċja l-animatur billi kien jagħtih ktieb tat-talb kif ukoll s-silta tal-evanġelju bil-Malti biex l-animatur jaqraha fl-istess waqt. Il-quddiesa tal-Vigarju Kurat kienet issir fis-sitta ta' filgħodu u tiġi mħabbra bid-daqq ta' mota żgħira flimkien mad-daqq tal-quddiesa tas-soltu.

## Ir-Randan u l-Avvent

Dawn huma *żmi*nijiet ferm importanti għall-Kattolici. Anki fil-Katidral kien hemm *użanzi li spiċċaw mal-medda taż-żmien*. Nibda bil-prietka mill-Kwareżimalista fil-*Ħ*dud ta' dawn il-perjodi. Din kienet issir dritt wara l-quddiesa konventwali tal-*Ħ*add filgħodu fil-preżenza tal-Monsinjuri tal-Katidral. Dawn kienu joqogħdu fuq bankijiet ippreparati għalihom fuq il-presbiterju. Wieħed jista' jimmaġina xi kwalità ta' predikatur kien jintagħ*żel biex jibgħat messaġġ* quddiem dawn il-Monsinjur *ġeneralment magħżula għall-għerf kbir tagħhom*. L-istess predikatur kien jipprietka wkoll fl-aħħar jum tas-sena filgħaxija dritt kif jintemm l-għasar pontifikali bis-sehem tal-isqof djoċesan.

Naturalment mal-Avvent insibu marbuta l-festi tal-Milied. Dawn kienu jibdew bin-novena. Fis-snin li qiegħed nagħmel riferenza għalihom, in-novena kienet issir għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu b'quddiesa kantanta li għaliha il-Monsinjur kollha huma obbligati li jattendu. *Iċ-ċ*elebrant kien jintagħżel bis-sistema magħrufa "invit" li jgħaddi bejn l-istess Monsinjuri li jkunu preżenti l-jum ta' qabel. Iċ-ċerimonier tal-kapitlu jgħaddi t-talba lil kull monsinjur personalment, naturalment jibda l-ogħla dinjità u jibqa' sejjer hekk sakemm xi monsinjur jaċċetta. Naturalment l-aħħar wieħed fost it-tmintax-il monsinjur, li huwa magħruf *bħala l-iżgħar wieħ*ed tal-kapitlu, ikollu jaċċetta bilfors. Tajjeb li wieħed ikun jaf li din is-sistema tal-"invit" tiġi applikata wkoll kull darba li l-Kapitlu tal-Katidral jkollu xi servizz barra mill-istess Katidral.

Inkomplu fuq in-novena. Il-quddiesa kantata kienet issir bid-daqq tal-orgni u l-kant tal-kapitlu u koristi. Kien ikun ukoll l-abbatini bl-akkolti, ċensier, missal, buġija u mitra flimkien mad-djaknu u sud-djaknu. Niġbed l-attenzjoni tal-qarrej rigward x'kien iseħħ fiż-żmien bejn is-*Sanctus* u l-*Agnus Dei*. Dawn it-tnejn kienu jitkantaw kif kien jitkanta wkoll il-*Benedictus* dritt wara l-konsagrazzjoni tal-ostja u l-inbid. Imma bejniethom, it-talb kollu kien jingħad fil-privat u f'dak il-ħin l-organista kien jibqa' jdoqq mużika addattata. Fin-novena tal-Milied, l-organista kien idoqq s-sinfonija magħrufa "pastorella" tas-Surmast Galea. Din is-sinfonija kienet u għadha ferm popolari għal żmenijiet Natalizji. Imma anki hawn wie*ħed kien jin*duna minn kien ikun l-organista... *għ*aliex kull organista kellu l-verżjoni ta' din is-sinfonija! Wara li tintemm din il-quddiesa kantanta, il-kapitlu jibda l-matutin u dritt wara ssir il-konventwali bis-sehem tal-monsinjur li jkun jmisshom f'dak il-jum. Illum dan spiċċa għaliex fin-novena tal-Milied u fil-Kwindiċina ta' Santa Marija, il-quddiesa konventwali titqaddes letta qabel il-matutin u dritt wara ssir il-quddiesa kantata, jew dik tan-Novena jew dik tal-Kwindiċina.

Issa ng*ħidu xi ħaġ*a rigward il-festi tal-Milied. Iċ-ċelebrazzjonijiet Natalizji kienu jibdew lejliet il-Milied wara nofsinnhar. Dari kienet użanza li mat-toqqi ta' nofsinnhar, jidħol il-vġili tal-Milied. Dan ifisser li l-Knisja Kattolika daħlet fiż-żmien ta' festi kbar u saħansitra ma kinux jippermettu li jsir xi forma ta' quddies għajr dawk tal-jum, inklużi funerali. Dan l-għasar kien ikun immexxi mill-Isqof ta' Għawdex bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru kollu.

Għall-ħabta tal-għaxra ta' bilejl, kien jibda l-kant tal-matutin, naturalment bil-Latin, u akkumpanjat bil-kant gregorjan kif ukoll bis-sehem tal-orkestra. Ma' nofsilejl tibda l-quddiesa pontifikali bl-uniku ċelebrant ikun Monsinjur Isqof li jinseġ l-omelija addattata g*ħ*al dak il-jum. Hawnhekk, tliet monsinjuri kienu jakkumpanjaw u jgħinu waqt il-quddies pontifikali. Ġeneralment dawn kienu l-ewwel tliet dinjitajiet tal-Kapitlu u ċioè: l-Arċidjaknu, id-Dekan u t-Tezorier. Filwaqt li l-Arċidjaknu jilbes l-kappa, iż-żewġ monsinjuri l-oħra jilbsu t-tuniċella u jagħmlu l-parti tad-djaknu u tas-sud-djaknu. Hawnhekk irid insemmi li d-djaknu kien jilbes l-istola djagonali fuq sidru u kien ikanta l-evanġelu filwaqt li s-sud-djaknu jilbes biss it-tuniċella u jaqra biss l-Epistola. Qabel il-konċilju, kienet tinqara dejjem lezzjoni waħda meħuda mill-Kotba tal-Iskrittura għajr l-erba' Vanġelji.

F'dak il-lejl qaddis tal-Milied, dritt wara l-quddiesa pontifikali, jibda l-quddies fl-artali laterali. Naturalment, kull ċelebrant kien iqaddes tliet quddisiet wara xulxin bl-għajnuna mogħtija minn abbati. Mhux darba u tnejn li kien ikun hemm erba' quddisiet għaddejjin f'daqqa waħda fuq erba' artali differenti. B'hekk il-fidili kellhom l-għażla tal-quddiesa. Ma nkunx nikxef l-ebda sigriet li kważi kulħadd kien jippreferi dak il-qassis li jdum l-inqas. L-artal preferut kien dak ta' Sant'Ursola u warajh ta' San Ġużepp. Imma kien hemm Mons. Tarċisju Gatt li kien jippreferi dak ta' San Filippu biex ikun qrib l-istatwa ta' Santa Marija.

Nixtieq insemmi wkoll li f'dawk iż-żminijiet, fil-Katidral, l-abbatini kienu jkunu obbligati li jitilgħu kmieni tal-kuljum biex jassistu lill-Monsinjuri u qassisin oħra waqt il-quddies u waqt li jkunu jilbsu l-abiti tagħhom meħtieġa. *Bħala privileġġ*, l-abbatini tal-Katidral ma kinux iħalsu miżata jekk huma jitgħallmu fis-Seminarju Veskovili ta' Għawdex. *Għalhekk mhux wieħed u tnejn kienu l-abbattini li jagħżlu li jaqdu ta' abbatini minkejja li l-familja tagħhom ma tkunx tiffrekwenta din il-knisja.*

Drawwa oħra marbuta mal-lejl tal-Milied kienet; il-Kapitlu kien jintriga persuna biex toffri l-kafe' lill-kapitlu, kleru, mużiċisti u kantanti impenjati f'dawk il-ħinijiet. Wieħed irid jiftakar li ħadd ma seta' jiekol u/jew jixrob wara nofsilejl...inkella l-għada ma jkunx jista' jitqarben. Dan ifisser li wieħed irid isum minn kollox minn nofsilejl sal-ħin li jitqarben. Tieħu taqtira waħda ta' ilma jew farka ħobż ikun ifisser li tkun qsirt is-sawma; *għaldaqstant ma tistax* titqarben. Immaġinaw saċerdot li jrid iqaddes il-quddiesa tas-siegħa wara nofsinhar, irid isum talinqas tlettax-il siegħa.

Inkomplu fuq il-Milied. Il-festi jkomplu filgħodu għall-ħabta tad-disgħa bil-pontifikal bl-omelija minn Monsinjur Isqof u fl-aħħar jagħti l-barka papali bir-rebħ tal-Indulġenza Plenarja. Wara nofsinhar jitkanta t-tieni għasar. Ġeneralment kien jitmexxa mill-Arċidjaknu flimkien ma' sitt saċerdoti lebsin ilkoll kappi bojod. Fl-għasar, kienu jintużaw żewġt'iċnisier, wieħed kien jintuża għall-artal maġġur kif ukoll dak tal-Kapella tas-Sagrament, filwaqt li t-tnejn flimkien kienu jintużaw fl-inċensar tal-membri tal-kapitlu, wieħed għal dawk ta' fuq il-lemin u l-ieħor għal dawk ta' fuq ix-xellug. Fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kollha, il-membri tal-Kapitlu kienu jpoġġu f'posthom fil-kor.

Bħala parentesi, nixtieq inżid li fil-festi tal-konsagrazzjoni tal-Knisja Katidral, jiġifieri fl-10 u 11 ta' Ottubru, fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha kienu jintużaw erbat'iċnisier, it-tnejn tas-soltu u t-tnejn l-oħra għall-inċensar tas-slaleb li hemm fil-korsija. Dan kien isir minn żewġ kappillani tal-kor li kienu jilbsu żewġ kapep.

Iċ-ċerimonja f'għeluq is-sena kienet tikkonsisti f'għasar pontifikali bil-kumpieta, prietka fil-preżenza ta' Monsinjur Isqof minn fuq it-tron u l-membri tal-Kapitlu bilqiegħda fuq il-presbiterju. Wara purċissjoni żgħira bis-Sagrament madwar il-navi tal-knisja, il-kant tat-*Te Deum* u barka sagramentali. Matul il-prietka, kienet issir ġabra b'risq il-qabar ta' Kristu li jinsab f'Ġerusalem.

Marbuta mal-festi Natalizji wieħed isib ukoll it-tliet'ijiem tal-kwaranturi. Niftakar li f'xi snin dawn kienu jsiru tliet'ijiem wara l-Milied, u f'xi snin oħra kienu jsiru fl-aħħar jiem tas-sena. F'dawk is-snin, il-purċissjoni tal-għeluq tal-kwaranturi kienet issir madwar il-knisja, jiġifieri minn bejn in-navi.

Nitkellmu issa x'kien isir fir-Randan. Fl-ewwel erba' ġimgħat, kull nhar ta' Ħamis kienet tiġi esposta statwa ta' Kristu f'waqtiet mill-passjoni. Dan kienu: Ġesu' fl-Ort tal-Ġetsemani, Ġesu marbut mal-kolonna, Ġesu nkurunat bix-xewk u Ġesu mgħobbi s-salib. Imbagħad, fl-aħħar *jiem tar*-Randan, dawn l-erba' statwi kienu jittieħdu fil-Knisja ta' San Ġorġ biex jintużaw fil-purċissjoni tal-*Ġimgħa* l-Kbira. *Bħ*all-Avvent, anki fir-Randan, wara l-quddiesa konventwali nhar ta' Ħadd filgħodu, kienet issir il-prietka mill-kwareżimalista li għaliha kienu jattendu l-Monsinjuri tal-Katidral. Irrid ngħid ukoll, li kemm matul l-Avvent u kemm matul ir-Randan, il-prietka tal-Iskrittura nhar ta' *Ħ*add wara nofsinhar ma kinetx issir. L-istess kien isir fix-xhur tas-sajf.

Bħall-knejjes oħra, fil-ħames *Ħ*add tar-Randan jew kif kien aktar magħruf bħala l-ewwel *Ħ*add tal-Passjoni, is-slaleb u xbihat kollha *ġ*ewwa l-knejjes kienu jiġu mgħottija bi drapp vjola. Is-slaleb kienu jer*ġgħu* jinkixfu fil-*Ġimgħ*a l-Kbira dritt wara l-adorazzjoni tas-Salib, filwaqt l-ixbihat u kwadri kienu jinkixfu mal-intonazzjoni tal-"*Gloria in excelsis Deo*" f'Sibt il-G*ħ*id. Qabel il-Konċilju Vatikan II, i*ċ*-*ċ*erimonji liturġiċi konnessi mat-tridu tal-Għid kienu jsiru hekk:

***Ħ*add il-Palm**, filgħodu, kienet issir i*ċ*-*ċ*erimonja tat-tberik tal-palm u frieg*ħ*i taż-żebbu*ġ*, *dan tal-aħħar kien jitqassam lil*l-ġemgħa u parruċċani preżenti. Naturalment, kien ikun fergħa tal-palma dekorata biex tingħata lill-isqof filwaqt palm mdaqqas kienu jing*ħ*ataw lill-Monsinjuri. Ta' tfal li konna, erħilna nittalbu xi ftit frieg*ħ*i lis-sacerdoti biex nag*ħ*mlu xbihat bihom. Imma wara, kull fergħa ta' palma jew żebbuġ kienet jiġu merfugħa u preservata bl-akbar devozzjoni *ġewwa d-djar tagħ*na. Matul is-sena, l-frieghi taż-żebbuġ kien jinħaraq biex isir it-tbaħrid tad-djar. Din l-użanza fid-djar tagħna kienet issir f'Sibt il-Għid fil-għodu mat-tokki tal-glorja jew meta jinqala' xi għawġ kbir fil-familja. Minkejja li din kienet użanza supersti*ċċjuża, xorta waħ*da kienet ferm popolari fost il-familji tagħna għaliex kienet issir f'ċerta devozzjoni spe*ċjalment waqt li jingħad it-talb magħ*ha.

**L-Erbg*ħ*a** kienet magħrufa **l-Erbg*ħ*a tat-Tniebri**. Dakinhar, waqt l-għasar ta' filgħaxija, kien jinxtgħel kandelabru bi ħmistax-il xema. Dawn kienu jintfew waħda waħda, waqt il-kant tas-salmi. Wara li jintfew kollha, kien isir r-rit tat-tisbit fuq il-bankijiet. Drawwa oħra marbut ma' dan il-jum, kienet l-knejjes u kappelli kienu jinżammu fid-dlam mill-jum tal-Erbgħa. (Nista' nkun zbaljat, għaliex g*ħandi dubju*

*li din setgħet tibda fil-jum qabel Ħadd* il-Palm). It-twieqi tal-knejjes jiġu mgħottija bi drapp oħxon biex ma jidħolx dawl fil-knisja. Naturalment dawn kienu jitneħħew Sibt il-Għid filgħodu wara d-daqq tal-glorja. .

**Ħamisix-Xirka**-Filgħoduċ-ċerimonjakienetugħadha ssir biss fi knejjes Katidrali ta' kull djoċesi universali. Qabel il-Konċilju Vatikan II, din iċ-ċerimonja kienet tiġbor fiha kemm it-berik taż-żjut, kemm il-ħasil tar-riġlejn tan-nies li jirrappreżentaw l-Appostli, u kemm il-purċissjoni tal-Ostja kkonsagrata għall-adorazzjoni fis-Sepulkru. Dan kollu kien isir filgħodu, f'ċerimonja li kienet tieħu madwar erba' sigħat. Din titmexxa mill-Isqof Djocesan flimkien mal-kleru numeruż tad-Djoċesi Għawdxija. Anki l-ħasil tar-riġlejn kien isir biss ġewwa l-Katidral. It-tnax minn nies magħżula, kienu jilbsu l-konfratija bajda u jpoġġu bl-qegħda fuq bankijiet mpoġġija matul il-korsija fuq palkett żgħir ħalli jogħlew ftit minħabba l-isqof. Kull wieħed jiġi mogħti qagħqa tal-ħobż flimkien ma' donazzjoni tal-flus. Għalhekk fil-parroċċi u knejjes oħra kien isir biss il-bidu tal-adorazzjoni tal-Ewkaristija fis-sepulkri rispettivi tagħhom. Ta' min isemmi wkoll, li anki ġewwa r-Rabat, kien hemm knejjes oħra li kellha armar tal-injam għas-sepulkriu bħal dak li għadu jintrama fil-Katidral tagħna. Sfortunatament, dawn jew inqerdu jew twarrbu darba għall-dejjem minħabba spejjeż kbar biex tarmahom u żżommhom fi stat tajjeb. Ġeneralment il-visti tas-seba' knejjes kienu jibdew mill-Katidral dritt wara nofs-in-nhar tal-Ħamis ix-Xirka u jibqa' sejjer hekk sa filgħaxija. Drawwa li ntemmet jew aħjar kważi intemmet kienet li l-għaqdiet reliġjużi, soċjali u anki *ċivili bħal* korp tal-pulizija, kienu jorganiżżaw kollettivament l-visti tas-sepulkri ġewwa r-Rabat bl-akbar serjeta u devozzjoni.

***Il-Ġimgħa l-Kbira*** - Iċ-ċerimonja kienet issir filgħodu għall-ħabta tad-disgħa u ddum sejra kważi sa nofsinhar. Ma niftakar l-ebda tibdil jew inkella kien hemm ftit biss u ġeneralment kienet timxi fuq l-istess linji tal-lum. Pero', anki wara xi snin tal-Konċilju, il-kant kollu nkluż il-kant tal-Passju kien isir bil-Latin u xi mumenti anki fis-sehem tal-orkestra. *Għal din iċ-*ċerimonja kienu jattendu l-aqwa awtoritajiet ċivili li kienu jieħdu ċerta prominenza waqt il-bews tas-salib.

Issa nixtieq ngħid xi ħaġa rigward iċ-ċerimonja tal-bews tas-salib. Nibda biex insemmi li dritt wara diversi talbiet, xi seminaristi kienu joħorġu jifirxu fuq il-presbiterju spazjuż *tal-Katidral drapp tal-ħarir*, l-ewwel faldrappa kbira vjola, u wara, oħra ftit iżgħar tal-ħarir abjad, it-tnejn irrakkmata bid-deheb. Wara l-kxif tas-salib b'ċerimonja simili għal dik tal-lum, is-salib jitqiegħed fl-art merfugħ fuq mħadda ħamra. Kemm l-isqof u kemm il-monsinjuri kienu jiffurmaw bħal purċissjoni żgħira li kienet ddur mal-ewwel nava (dik ta' San *Ġużepp*). Dawn kienu jkunu ħafjin bil-qalzetti imma mingħajr żarbun. Il-membri l-oħra tal-kleru u l-fidili kienu jibqgħu lebsin iż-żraben. *Użanza oħra* kienet li kemm l-Isqof u kemm il-Monsinjuri kienu jagħtu individwalment offerta ta' flus u dan kien isir dritt wara l-bews tas-salib. Dawn kienu jgħadduhom lil żewġ seminaristi li kienu joħorġu fuq il-presbiterju b'gabarre f'idejhom. Jekk mhux sejjer żball, dawn l-offerti kienu jitqassmu li nies foqra f'dawk il-jiem. Kien jitqarben biss l-Isqof li jmexxi ċ-ċerimonja. Dan kien jikkonsma l-ostja li kienet tkun esposta fis-sepulkru sa dak il-ħin. Il-poplu u l-Kleru għajr iċ-ċelebrant prinċipali ma kienux jirċievu l-Ostja kkonsagrata waqt it-Tridu Paskwali, mhux bħal-lum.

**Sibt il-Għid** – Iċ-ċerimonja marbuta ma' dan il-jum kienet issir filgħodu. Kienet timxi fuq l-istess linji tal-lum minbarra li jkun hemm ċċelebrat wieħed u għalhekk kien jitqarben biss hu. F'xi snin, *maċ-ċerimonja tas-Sibt il-Għid kienet tigi nkluża* l-ordinazzjoni presbiterjali. Għalhekk wieħed jista' jobsor it-tul li kienet tieħu din iċ-ċerimonja b'dak il-kant gregorjan ta' kull parti tagħha. Mal-kant tal-Gloria, il-qniepen kollha jibdew idoqqu, jinkixfu l-inkwatri u x-xbihat ġol-knejjes,u t-tfal jibdew jieklu l-figolli. Dan kien ikun għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu.

Drawwa oħra marbuta mal-festi tal-Għid kienet il-bdil tal-bulettin. Dan kien speċi tal-biljett li fuq quddiem ikollu kliem bil-Latin bl-indikazzjoni tal-isem tal-parrocca u fuq in-naħa ta' wara ikun hemm timbru tas-sena. Dan kien jinbidel matul it-tridu tal-Għid kif ukoll fil-ġimgħat ta' wara l-Għid sa nhar l-Għid il-Ħamsin. Dan il-bdil kien ifisser li wieħed wettaq il-preċett tal-Knisja marbut mas-sagramenti tal-qrar u tqarbin, jiġifieri li wieħed kellu l-obbligu li jwettaq dawn tal-anqas darba fis-sena. U ħażin *għalik jekk ma tkunx biddiltu!*

### *Purċissjonijiet li Mietu*

Il-festa tat-Tlugħ fis-Sema *Ġesu'* magħrufa bħala Lapsi kienet issir fil-jum propju tagħha. Imma drawwa li m'għadhiex magħna kienet tikkonsisti fi tliet purċissjonijiet magħrufa bħala "tar-Rogazzjoni". Dawn kienu jsiru tlett ijiem qabel din il-festa, jiġifieri t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa qabel il-jum ta' Lapsi, liema festa kienet dejjem taħbat il-Ħamis u tkun festa kmandata. Dawn il-purċissjonijiet kienu joħorġu filgħodu dritt wara l-quddiesa konventwali u jmorru waħda fil-Knisja ta' San Ġorġ, l-oħra fil-Knisja ta' San Ġakbu u l-oħra fil-Knisja ta' Savina. (Hawnhekk ma niftakarx il-ġranet meta kien imiss lil kull knisja).

Pur*ċissjoni oħ*ra, din id-darba Ewkaristika, kienet issir fil-festa tal-Corpus Domini, jiġifieri il-Ħamis tlett ġimgħat wara Lapsi. Din kienet toħroġ mill-Katidral bis-Santissimu Sagrament filgħodu dritt wara l-quddiesa pontifikali. Kienet tkun immexxiha mill-Isqof Djoċesan u bis-sehem tal-Kapitlu u kleru ta' Beltna. Kienet tmur lejn il-Knisja ta' San Ġorġ. Hemhekk tingħata l-Barka Sagramentali. Minn hemm, il-purcissjoni kienet tkompli għaddejja madwar t-toroq dojoq tal-inħawi, terġa' tgħaddi minn Pjazza San *Ġorġ għat-Tokk u dritt għ*all-Katidral, fejn kienet tintemm billi tingħata għal darba oħra l-Barka Sagramentali.

Nixtieq nirriferi wkoll ghall-Purcissjoni msejħa "tat-Terza". Din kienet issir fit-tielet Ħadd ta' kull xahar. Wara l-quddiesa konventwali, kienet issir purċissjoni Sagramentali, bis-sehem tal-Kapitlu u kleru imma kienet iddur biss mal-knisja jiġifieri bejn in-navi. Kienet tkun immexxiha mill-Monsinjur, naturalment bis-sehem tal-poplu li kien ikun hemm prezenti.

Purcissjoni oħra li mietet ukoll kienet dik li toħroġ fil-festa ta' San Mark l-Evangelista, fil-25 ta'April. F'dak il-jum, dritt wara l-quddiesa konventwali, kienet toħroġ purċissjoni mill-Katidral bis-sehem tal-Kapitlu u tmur fit-Tokk *ħdejn il-Knisja ta' San Ġ*akbu. Hemmhekk kien isir it-tberik tar-riħ.

Nitkelmu issa fuq il-purcissjonijiet li kienu jsiru bil-bust/relikwja ta' Sant'Ursola. Din hija l-ko-Titulari tal-istess Katidral kif ukoll, sa ftit snin ilu, kienu


SIGNUM ADPROBATIONIS
Ad Communionem Paschalem
Suscipiendam
IN S. CATHEDRALI ECCLA.
GAUDISIEN
B. V. MARIÆ SIDERIBUS RECEPTÆ DICATA
SIVE
IN S. PARLI. ECCLA. CIV. VICTORIÆ
DIVO GEORGIO MEG. MAR. PATRONO SACRA.
*Archip. et Paroc.* MICHAEL CEFAI.

l-unika Patruna ta' Għawdex. Qiegħed ngħid l-uniku peress li Santa Marija hija l-Patruna Prinċipali filwaqt li San Ġorġ kien ġe ddikjarat Patrun ta' Għawdex f'nofs l-episkopat ta' Mons. Ġużeppi Pace. Partijiet mill-għadam tagħha jinsabu ġewwa bust meħud minn xini li nqabad f'tempesta għall-ħabta tas-sena 1600. Dakinhar il-baħrin għamlu wegħda li, jekk jirnexxilhom isalvaw, huma jagħtu din il-figura ferm għażiża għalihom lil dik l-ewwel art li jinżlu fiha qawwijin u sħaħ. Fis-sena 1614, il-Gvernatur Eugenio Ramirez Maldonato għamel donazzjoni ta' dan il-bust flimkien mar-relikwja ta' Sant'Ursola lill-Knisja Kolleġġjata ta' Għawdex.

Matul is-sena kienu jsiru b'kollox tliet purċissjonijiet, l-ewwel waħda fit-tieni Ħadd ta' Jannar għall-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja bl-inħawi tal-Belliegħa bħala radd il-ħajr tal-ħarsien ta' din il-qaddisa Ingliża waqt it-terrimot tal-11 ta' Jannar 1693. It-tieni purċissjoni kienet toħroġ fit-tielet Ħadd ta' Settembru għall-Knisja ta' San *Ġorġ bħala radd il-ħajr tal-ħ*elsien mill-marda tal-pesta tas-sena 1814 filwaqt li l-aħħar waħda kienet issir ukoll għall-istess Knisja ta' San *Ġorġ fil-jum tal-festa taghha jiġifieri fil-21 ta' Ottubru bħ*ala radd il-ħajr tal-ħarsien ta' din il-qaddisa mill-pjaga tal-ġurati tas-sena 1696 kif ukoll il-marda tal-kolera fis-sena 1837. Sfortunatament l-ebda waħda m'għadha ssir fiż-żminijiet tal-lum galiex dawn il-purċissjonijiet ġew suppressi fis-sena 1968 b'digriet ta' Mons Isqof Nikol Cauchi.

Nixtieq insemmi wkoll il-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju li toħroġ l-ewwel Ħadd ta' Ottubru. Fl-imgħoddi din kellha rotta differenti minn dik tal-lum peress li kienet tgħaddi simili għall-purcissjoni ta' Santa Marija meta din kienet issir filgħodu bl-eċċezzjoni, li filwaqt dik tal-Għid ta' Awwissu kienet tidħol fil-Knisja ta' San *Ġorġ fost il-kant tal-antifona, wara tkompl*i r-rotta tagħha jiġifieri lejn Triq San Ġorġ, Triq il-Librerija, Triq il-Vajringa, Triq Palma, Triq it-Tigrija u dritt għat-Telgħa tal-Kastell sal-Katidral.

Insemmu wkoll il-purċissjoni ta' Santa Marija. Din kienet toħroġ filgħodu għall-ħabta tas-sebgħa u nofs, dritt wara li jintemm il-Matutin Solenni. Kienet titmexxa minn Monsinjur Isqof bis-sehem tal-Kapitlu u Kleru. Malli tasal fil-Knisja ta' San Ġorġ, kienet titkanta l-Antifona u tingħata l-barka Sagramentali, u dritt wara tkompli fir-rotta tagħha dik ta' Triq San Ġorg, Triq il-Librerija, Triq il-Karita, għall-Pjazza San Ġorg, Triq is-Suq, madwar it-Tokk u dritt għat-Telgħa tal-Belt sal-Katidral. F'din il-purċissjoni kienu jieħdu sehem ukoll rappreżentanti tal-Ordnijiet tal-patrijiet li jinsabu ġewwa beltna. Din il-purċissjoni spiċċat fl-1955, għaliex is-sena ta' wara, il-purċissjoni ta' Santa Marija bdiet issir f'jum il-festa filgħaxija wara li Monsinjur Isqof Ġużeppi Pace kien ħareġ digriet b'dan il-għan. Minn naħ*a tagħha niftakru fil-ġrajja glorjuża tad-29 ta' April* 1956 meta s-Soċjetà Filarmonika Leone marret tirregala l-istatwa gawhra tagħha lill-Katidral ta' *Għawdex li, minn dak il-jum* tinsab meqjuma bl-akbar għożża. Imma fl-1959, minħabba kwistjonijiet parrokjali, il-festi esterni ta' Santa Marija kien sospiżi u għalhekk ma saritx il-purċissjoni bl-istatwa filgħaxija. Dik is-sena, il-purċissjoni ta' Santa Marija ħarġet għall-aħħar darba filgħodu fost sigurta kbira tal-korp tal-pulizija.

L-*aħħar purċissjoni li m'għadhiex magħna* kienet dik ta' San Girgor li kienet issir fit-12 ta' Marzu. Mat-tokk tat-tmienja ta' filgħodu, tibda ħierġa mill-Katidral din il-purċissjoni li fiha kienu jieħdu sehem il-kleru u fratellanzi kollha tal-parroċċi Għawdxin, kulħadd jimxi skont il-preċedenza. Kienet tassew attrazzjoni speċjali għal dawk iż-żminijiet. Sfortunatament din il-purċissjoni nqerdet sforz il-pika parrokkjali li, minn żmien għal żmien, terfa' rasha żżejjed f'Għawdex, pika li meta tkun esagerata, ħlief ħsara ma tagħmilx. Fl-aħħar, bħala Omm il-Knejjes kollha, kien jimmarċa l-Kapitlu tal-Katidral flimkien mal-Kleru ta' beltna u naturalment Monsinjur Isoqf Djocesan. Matulha kienet titkanta l-Litanija tal-Qaddisin. Malli tasal fil-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem, kienet issir quddiesa kantanta mill-Isqof fil-presenza tal-Kapitlu tal-Katidral. Minn naħa tagħhom, kwazi ħadd mill-parteċipanti ta' din il-purċissjoni ma kien jirritorna d-dar idu f'idu għaliex xi biċċa qubbajt ma kienet tonqos li tidħol fl-ikla ta' dik il-ġurnata.

## Tagħrif ieħor

Ma nistax naqbeż u ma nsemmix ukoll is-sehem tal-Kapitlu tal-Katidral fil-festi titulari ta' San Ġorġ Martri ġewwa l-Belt Victoria. Fl-imgħoddi dawn kienu kienu jsiru xi Ħadd wara l-Għid l-Kbir, biex ikunu qrib il-festa liturġika tat-23 ta' April. *Ġara li minħabba* l-maltemp, dawn il-festa *ġew trasferiti għat-tielet Ħadd* ta' Lulju. Minkejja li fis-sena 1954, il-Knisja ta' San *Ġorġ ġiet mgħollija għat*-tieni parroċċa *ta' beltna, xorta waħda* l-Kapitlu tal-katidral baqa' jieħu preċedenza assoluta matul il-jumejn ta' dawn il-festi. Dan kollu seħħ sas-sena 1967. F'lejliet il-festa, wara nofsinhar, il-Kapitlu kien jitlaq proċessjonalment mill-Katidral akkumpanjat bil-kleru tiegħu, ilkoll wara s-Salib tal-Kleru. Kien jasal sal-palazz veskovili gewwa Triq it-Tiġrija, u wara jakkumpanja lill-isqof djoċesan għall-Knisja Ġorġjana. Minn dak il-ħin, il-Kapitlu kien imexxi u jieħu sehem il-festi kollha liturġiċi konnessi ma' din il-festa *Ġorġjana inkluż* sehem fil-purcissjoni. Ma niftakarx jekk dak il-jiem ta' festa kienux jagħtu wkoll is-servizzi tagħhom ġewwa l-Katidral. Wara 1976, minkejja li din il-Knisja saret kolleġġjata mmexxija bl-ewwel Arċipriet tagħha Mons. Emmanuel Mercieca, xorta waħda l-Kapitlu tal-Katidral għadu jieħu preċedenza f'dawn il-festi fosthom waqt it-Translazzjoni, il-Pontifikal u Purċissjoni ta' nhar il-Festa. Imma dan isir wara li l-Kapitlu Ġorġjan jibgħat stedina għal dan il-għan. Fejn dari kien jieħu sehem il-Kapitlu kollu illum insibu li sitt Monsinjuri jakkumpanjaw lill-isqof waqt it-Translazzjoni u l-Ewwel Ghasar ta' lejliet il-festa, tliet oħra jakkumpanjaw lill-isqof waqt il-quddiesa pontifikali u sa ftit snin ilu, meta l-isqof djocesan kien imexxi l-purċssjoni ta' San *Ġorġ, żewġ Monsinjuri* jieħdu sehem flimkien miegħu. *Għad fadal l-użanza* li fil-festa ta' San *Ġorġ jiġu mislufa mill-Katidral xi oġġetti* sagri fosthom kalċi, missal tal-fidda u l-estinsorju tar-relikwija. Dawn jiġu użati f'dawk il-jiem festivi. Safejn naf jien, dan l-istensorju jiġi misluf ukoll fil-festa tad-Duluri li ssir fil-Knisja ta' San Ġakbu fir-Randan.

Ngħaddi issa biex nitkellem fuq xi drawwiet li m'għadhomx magħna. Nibda bil-prietka tal-Iskrittura. Din kienet issir kull nhar ta' Ħadd wara nofsinhar mill-Monsinjur Teologu. Fi tfuliti, meta kont nakkumpanja lil għażiż missieri għall-funzjonijiet kollha ġewwa din il-Knisja Matriċi, dawn kienu jsiru minn Mons. Luigi Galea (tal-Orjenti) u kien jagħmilhom mill-pulptu. Il-prietki tal-Iskrittura ma kienux isiru fl-Avvent, fir-Randan, fil-Ħdud ta' festi kbar, u fix-xhur tas-sajf. It-Teologu kien jieħu silta mill-Kotba Mqaddsa u jagħmel tifsira profonda tagħha. Dritt wara il-priedka kienet tingħata l-barka sagramentali mis-Sagristan *Maġġuri ġewwa* l-Kappella tas-Sagrament. Din baqgħet issir xorta waħda bosta snin wara l-Konċilju Vatikan II, imma llum ċ-ċelebrazzjoni tal-quddies fil-għaxija fil-Ħdud u festi ħadulha postha.

Drawwa oħra li m'għadhiex magħna kienet dik tat-tubru li kien jintrama waqt quddies kantant tal-mejtin. Insibu li, ġewwa l-Katidral, dan il-quddies kantant tal-mejtin kienu bil-bosta u għalihom kienu jattendu l-Monsinjur. Saħansitra nsibu li fl-Ordo Djocesan (forma ta' kalendarju bid-dettalji kollha tal-funzjonijiet liturġiċi b'riferenza speċjali dawk tal-Katidral) kien ikun hemm imnizzla dawn l-anniversarji, sa ftit tas-snin ilu saħansitra l-jum taċ-ċelebrazzjoni tagħhom. Kien jintrama t-tubru fil-korsija bi kwantita ta' xemgħa madwaru u waqt il-*Libera Nos Domine* kien isir it-tberik tat-tubru. Imma kien hemm anniversarji oħrajn fejn it-tubru ma kienx jintrama speċjalment meta l-anniversarju kien isir b'suffraġġju għal xi persuna midfuna fil-knisja proprja. Dakinhar kien jinxteghlu xi xemgħat madwar il-qabar fejn isir ukoll it-tberik tiegħu. Xi anniversarji wkoll, għar-raġunijiet diversi, kienu jitqadsu mhux fuq l-artal maġġur imma fuq l-artal ta' Sant' Ursola.

Kien jintrama wkoll tubru speċjali fil-festi tal-Għid tal-Imwiet (fit-2 ta' Novembru) u fl-anniversarju tal-mewt tal-isqof djoċesan. Dan kien jikkonsisti f'tubru kbir mibni fuq tliet tarġiet, imdawwar b'erba kandlieri kbar tal-"ferro battuto". Max-xema ta' fuqhom kienu jitwaħħlu tabelli mhux zgħar ħafna li fuqhom kien hemm impitter ras tal-mewt u bil-berittin fuqha. Insibu wkoll li t-tarağ, kandlieri u xemgħat kienu jintramaw ukoll fl-okkazzjoni

tal-funeral ta' xi saċerdot jew Monsinjur meta ċ-ċerimonja funebri kienet issir ġewwa din il-Knisja. Irrid ngħid li l-katavri tas-saċerdoti kienu jkunu mikxufin kemm waqt il-funeral u kemm waqt iċ-ċerimonja funebri *ġewwa l*-knisja. Mal-wasla tal-katavru fil-knisja kien jitkanta l-matutin kantant u quddiesa "de requie". Meta l-funeral kien isir fil-Katidral, fil-funeral tas-saċerdot anki jekk dan ma jkunx Monsinjur jew ma jkunx jaqdi l-ħidma tiegħu pastorali f'dan it-tempju, xorta waħda l-funeral kien jitmexxa mill-Kapitlu.

Użanza oħra li spiċċatgħal dejjem kienet iċ-ċerimonja miżmuma fuq il-presbiterju kull darba li l-isqof djoċesan kien jkun il-prim ċelebrant. Wieħed irid jiftakar fiċ-ċerimonji litur*ġ*i*ċ*i kollha, sew quddies sew *għosrien*, dejjem kien ikun hemm ċelebrant wieħed. *Ġewwa l-Katidral, fil-ġranet fe*stivi, il-parti l-kbira tal-funzjonijiet kienu jitmexxew mill-isqof djoċesan assistit minn membri tal-Kapitlu Katidrali. Għalhekk insibu li fil-waqt li l-kleru kollu kien jilbes fis-sagristija, l-isqof kien jilbes l-abiti sagri fuq it-tron tiegħu b'ċertu dinjita. F'dawk il-mumenti kienu jgħinu l-monsinjuri, iċ-ċerimonier u xi seminaristi. Fejn fuq it-tron kien ikun hemm tliet monsinjuri, *ġeneralment l-ogħ*la tliet dinjitarji tal-kapitlu. Tnejn minnhom jilbsu t-toniċella u jservu ta' djaknu u sud-djaknu fil-waqt li l-ieħor, kważi dejjem l-Arcidjaknu, kien jilbes il-kappa. Waqt l-għosrien, l-isqof kien ikun akkumpanjat minn sebgħa monsinjuri, ilkoll lebsin il-kappa. Kif għadu jsir sal-lum, il-monsinjuri flimkien mal-kleru joħorġu mis-Sagristija biex jilqgħu lill-isqof fil-bieb jew inkella mill-palazz tiegħu li wieħed isib in-naħa tax-xellug tal-Knisja Katidrali. Il-korteo kien jibqa' sejjer dritt fil-Kappella tas-Sagrament *għal ft*it mumenti ta' talb. Dritt wara, filwaqt li l-monsinjuri u l-kleru jidħlu fil-kor u kulħadd jieħu postu, l-isqof flimkien ma' tliet monsinjuri jieħdu posthom fuq it-tron. Dan kien faccata tal-artal maġġur fejn illum hemm il-gradenzina u li kien fuq tlett targiet tar-rħam. L-abiti sagri milbusa mill-isqof għal dik l-okkażjoni kienu jitpoġġew fuq l-artal maggur ferm qabel. Mill-kor kienu joħroġu bl-akbar serjeta ċ-ċerimonjier tal-Kapitlu flimkien ma' numru ta' seminaristi maġġuri u jduru madwar l-artal maġġur. *Iċ-ċerimonjier jagħti l-abiti lis-seminaristi, kull wieħed iġorr waħda, u flim*kien dawn imorru quddiem it-tara*ġ* *tat-tron. Hemmhekk, iċ-ċerimonier tal-isqof (dan jkun qassis ieħor u* jissejjaħ ċerimonier djoċesan) kien inewwel l-abiti lill-monsinjuri assistenti fuq it-tron. Insibu wkoll li f'okkażżjonijiet solenni, tliet seminaristi kienu jimmarċjaw wara l-prim ċelebrant, sew jekk ikun l-isqof sew jekk ikun monsinjur; wieħed minn dawn iġorr il-mitra, l-ieħor il-missal u l-ieħor il-buġija. Waqt il-qari tal-epistola u waqt l-omelija tal-isqof, dawn kienu jpoġġu bil-qeghda fuq l-istess tarag tat-tron. Dan kollu spiċċa darba għal dejjem. Addio privileggi!

Xi ħaġa żgħira fuq l-attendenza għall-quddies pontifikali f'sollenitajiet u festi speċjali. Il-knisja kienet tkun mimlija kollha. Fil-korsija kienu joqogħdu numru kbir ta' sorijiet ta' diversi ordnijiet reliġjużi b'din l-ordni: na*ħa waħ*da, kienet tkun mimlija bis-Sorijiet tal-Ordni Frangiskani tal-Qalb ta' Gesu (magħrufa bħala "tal-Istilla"), fuq in-naħħa l-oħra, tkun mimlija bis-Sorijiet tal-Ordni Dumnikana (imsejħa "ta' Pompej") u xi sorijiet tal-Konservatorju tal-Isqof. Fuq it-taraġ (li llum tneħħa) fejn hemm il-bust tal-Papa Piju IX, kien hemm bankijiet żgħar u fuqhom kienu jpoġġu s-seminaristi *ż-żgħ*ar (Minuri - dawn kienu adolexxenti taħt is-sittax-il sena li jattendu għat-tagħlim fis-seminarju appena jispiccaw l-edukazzjoni primarja. Kienu joqogħdu fis-Seminarju matul il-jiem u l-iljieli kollha tas-sena skolastika. Biex jattendu fil-Katidral kienu jilbsu s-suttana u spellizza u jimmarċjaw lebsin hekk flimkien mar-rettur tagħhom mis-Seminarju stess b'ċerta ordni). Fuq il-gnub tal-presbiterju, wieħed kien isib is-seminaristi magguri (dawk kienu l-*ġuvintur li jagħżlu li jibdew it-tħejjijiet tagħhom għall-ħajja sa*ċerdotali), imma dawk li jkunu mpenjati fil-qadi tagħhom waqt dik ic-cerimonja joqogħdu fil-kor. *Uħud minn dawn is-seminaristi maġġuri kienu obbligati li jassistu fiċ-ċerimonji kol*lha tal-Kapitlu tal-Katidral il-*Ħdud u festi solenni kemm waqt il-quddiesa konventwali u kemm waqt il-kant tal-ewwel u t-tieni għasar.*

Dawn huma ftit tifkiriet li jien għandi u li xtaqt naqsam magħkom. *Żgur li hemm bosta oħrajn, żgur li hemm dettalji o*ħra forsi aktar ċerti mija fil-mija. Hemm persuni oħra li għandhom arkivji sħaħ ta' tagħrif fuq dan il-Katidral u s-sehem tiegħu bħala Omm il-Knejjes kollha Għawdxin. Tkun ħasra li tagħrif bħal dan minsuġ flimkien mal-istorja glorjuża ta' dan it-tempju ewlieni jintilef u jispiċċa qisu qatt ma kien. Ħallih imbagħad jifraħ minn ma rridx li dan jibqa' magħruf! Inħoss li huwa l-waqt li l-Kapitlu flimkien mal-Kunsill Amministrattiv tal-Katidral jidħlu kolletivament għall-impenn biex it-tagħrif kollu speċjalment dak li nsibu f'diversi programmi mxandra fl-ewwel sena tal-Radju Katidral jiġi arkivjat u, għaliex le, anki jsib ruħu stampat biex qatt ma jintesa. Iż-żmien għaddej u għad fadal persuni li jistgħu jagħtu kontribut sħiħ biex dan iseħħ.